MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 1090/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
ANNA BUTTIGIEG
ADRIAN BUTTIGIEG
GILBERT BUTTIGIEG
BRENDAN BUTTIGIEG
JEFFREY BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anna Buttigieg, bint Vincent Caruana u Magdalene nee' Abela, imwielda Rabat fil-25 t'Ottubru 1952, u residenti Villa Morangie, 54, Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 789952(M); Adrian Buttigieg, bin Anthony u Anne nee' Caruana, imwieled Attard fis-7 ta' Marzu 1972 u residenti Highlands, 22, Triq l-Gherien, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 145472(M); Gilbert Buttigieg, bin

Anthony u Anne nee' Caruana, imwieled Attard fil-31 t'Awissu 1974, u residenti Villa Morangie, 54, Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 431674(M); Brendan Buttigieg, bin Anthony u Anne nee' Caruana, imwieled Pieta' fl-10 t'Awissu 1983, u residenti Villa Morangie, 54, Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 405383(M); u kif ukoll Jeffrey Briffa, bin Joseph u Anglina nee' Camilleri, imwieled Pieta' fis-7 ta' Frar 1974 u residenti Hidden Rose, Triq N.Copernicus, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 100374(M).

Akkuzati talli fit-2 ta' Mejju 2002 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq George Borg Olivier, Mellieha, bhala diretturi tas-Socjeta' La Salita Leisure Holdings Ltd, u bhala persuni nkarigati mill-impjieg ta' 'part timers', rispettivament, impjegaw jew taw xoghol lil Mahmud El Komsi, persuna li ma kinitx ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Att 217 (Art 32(1)(b)).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-2 ta' Mejju 2002, Mahmud El Komsi kien wegga' serjament meta waqa' minn gholi fl-estenzjoni ta' La Salita Hotel, il-Mellieha, u sussegwentement miet. Illi l-Ispettur Mercieca kkonferma r-rapport tal-Pulizija minnu maghmul li jinstab a fol 11 tal-process verbal anness ma' dawn l-atti (ara xhieda tal-Ispettur Mercieca a fol 95 u 96).

Il-Perit Valerio Schembri, a fol 6 et seq, ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinstab minn fol 15-27 tal-process verbal.

PS 298 Joseph Grima esebixxa dokument JG a fol 12 u 13, cioe' l-okkorrenza ghal l-incident fuq indikat. Is-Surgent xehed, a fol 9 et seq, illi huwa kien acceda fuq il-post, u mitlub jghid x'kien liebes il-vittma ta' dan l-incident, PS Grima jghid illi kien liebes 't-shirt' skur u qalziet tipo 'jeans', u ma kien liebes xejn ma' rasu (ara xhieda a fol 10).

Edwin Mallia, Rapprezentant tal-ETC, a fol 14 et seq, ikkonferma illi ma kellu l-ebda 'records' fid-'database' tieghu illi l-vittma Mahmud El Komsi kien hadem Malta.

Dr Joseph Sammut, a fol 16, ikkonferma illi r-relazzjoni esebita fil-process verbal u l-konkluzjonijiet taghha.

Carol Bilke, a fol 18 et seq, xehdet illi hija kienet tghix ma' El Komsi ghal hames snin u nofs qabel ma' miet, u li kellhom tifel ta' erba' snin. Xehdet illi El Komsi kien ilu jahdem La Salita Hotel, il-Mellieha, ghal tlett xhur u nofs. Bilke tghid illi wara l-incident, kienet giet ghandha l-mara tal-habiba tieghu biex tinfurmaha li kien wegga' El Komsi u li kien qieghed l-isptar. Filfatt, kienu attendew wara x-xoghol Jamal u zewg Gharab li kienu hbieb ta' El Komsi, li kienu nfurmawha illi El Komsi kien waqa' minn gholi ta' hames sulari, li kien tiela' bis-sellum, habat naqra mal-hajt, tilef il-bilanc u waqa' ghal isfel. L-ghada tal-incident, Bilke tghid li kien gie Jamal b''envelope' li kien jikkontjeni tlett ijiem paga. Bilke xehdet illi El Komsi kien jaghmel xoghol ta' zebgha, pero' kien jaghmel kwalunkwe xoghol illi kien jitqabbad, inkluz li jizbogh u jnaddaf.

Bilke wkoll ikkonfermat ix-xhieda li hija tat fil-process verbal a fol 45 et seq. Matul din ix-xhieda taghha, Bilke tghid illi El Komsi:

**'kien jahdem u naf illi qabel dan l-ahhar xahar u nofs, hu kien jahdem ma' certu Jeffrey li kellu negozju tal-pjanti. Naf pero' illi hemm kien telaq u beda jahdem il-Mellieha dan l-ahhar xahar u nofs. Naf li huwa kien icempel lil certu Jeffrey u Sandro fuq il-post tax-xoghol tieghu pero' dawn ma nafx min huma.' (ara xhieda a fol 46 tal-process verbal).**

Bilke kkonfermat illi l-'envelopes' immarkati dokument A-D huma 'envelopes' li fihom kien jircievi l-paga El Komsi minn La Salita Hotel. B'referenza ghal dokument D, il-paga kontenuta fid-dokument D kienet giet mghoddija minn Jamal.

Sandro Grima, a fol 23 et seq, xehed illi huwa Head of Maintenance ta' La Salita Hotel, il-Mellieha, u li xoghlu kien li jmexxi l-progett tal-'extension' tal-'hotel', specjalment ghal dak li kien dawl, ilma u 'waste water'. Xehed illi generalment kien ikun hu responsabbli biex iqabbad 'part timers', specjalment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' tindif. Ghar-rigward tad-domanda, a fol 24, jekk kienx hu li haddem lil El Komsi, Sandro Grima jaghzel illi ma jirrispondix. Sandro Grima xehed illi huwa kien gie mpjegat mal-kumpanija minn Adrian Buttigieg. Sandro Grima xehed illi d-direttiva li kellu mill-'management', u cioe' minn Adrian Buttigieg, kien illi meta jkollu bzonn, iqabbad lil 'part timers' (ara xhieda a fol 25).

Sandro Grima sahaq li ma kien hemm hadd iktar responsabbli ghall-'part timers' hliefu. Ikkonferma illi Jeffrey Briffa kien filfatt impjegat minnu. Ghar-rigward l-incident, Sandro Grima jghid illi ma rahx isehh. Sandro Grima xehed illi la l-'full timers' u lanqas il-'part timers' ma ghandhom 'locker'. A fol 27 u 28, Sandro Grima rrepeta illi hu biss kien responsabbli sabiex ihaddem il-'part timers' u li Adrian Buttigieg filfatt, kien jghid lilu biex jimpjegahom. Rigward il-paga, Sandro Grima xehed illi huwa kien ihaddem in-nies u ghaldaqstant, kien jaf kemm ghandhom jithallsu u li l-paga kienet tigi preparata go 'envelope'.

Wara li giet moqrija lilu x-xhieda illi Sandro ta fil-process verbal, a fol 33, Sandro Grima kkonferma din ix-xhieda, albeit ghamel xi verifiki. A fol 50 tal-process verbal u fol 33 tal-atti, Sandro Grima xehed is-segwenti:

**'Irrid nippreciza li meta qedt li hu kien impjegat ta' La Salita Company Ltd, ma rridx infiehem li hu kien impjegat bhala haddiem 'full time' kif wiehed normalment jifhem, izda li l-kumpanija gieli tatu xi**

**xoghol. Irrid nippreciza illi l-ahhar li kien hadem ma' La Salita Company Ltd kien fis-27 t'April 2002, u ghalhekk nghid illi f'dik il-gimgha antecedenti ghall-incident, jien ma nafx li El Komsi kien impjegat fil-kumpanija, pero' ma neskludix li forsi kien impjegat minn xi hadd iehor. Dan kien bniedem li kien jithaddem skond il-bzonn u jista' jinqala' minn diversi kuntratturi. Dan jithaddem mhux skond ir-regolamenti tal-impjieg. In kwantu ghall-hlas tax-xoghol tieghu, dawn daqqa kont nghaddihomlu jiena u xi drabi ohra certu Jeffrey Briffa, u dan wara li jghaddihomlna Adrian Buttigieg. Dawn kienu jkunu f''envelope' zghir kannella. Nghid illi l-ahhar li seta' rcieva pagament El Komsi mis-Socjeta' La Salita kien fis-27 t'April 2002.'**

In kontro ezami, Sandro Grima kkonferma li huwa kien il-Project Manager tal-estensjoni tal-'hotel' li kienet qed issehh fuq il-parti l-ohra tat-triq tal-'hotel' originali La Salita, il-Mellieha. Ikkonferma wkoll illi ghal dan il-progett kienu tqabbdu mal-hames mitt (500) ruh. Xehed illi Adrian Buttigieg ma kienx direttament involut fil-kostruzzjoni tal-estenzjoni, izda kien qed jopera l-lukanda nnifisha fuq in-naha l-ohra tat-triq li kienet tiffinanzja l-estenzjoni. L-imputat Jeffrey Briffa kien ukoll assenjat lilu u kien impjegat ta' La Salita Hotel Company Ltd, u xoghlu kien ukoll ta' 'maintenance', waqt li Anna Buttigieg, Gilbert u Brendan Buttigieg ma kienu qatt jersqu lejn il-'hotel'.

A fol 37, Sandro Grima xehed illi bhala Project Manager, huwa kien jaghzel il-kuntratturi tal-'gypsum', 'air conditionings', etc. Sandro Grima xehed illi El Komsi kien jitqabbad jahdem ukoll mid-diversi kuntratturi li kienu qed jahdmu fuq l-estenzjoni (ara xhieda a fol 38), u meta kien isir dan, La Salita Hotel Company Ltd ma kinitx thallas lil El Komsi, u dan kien jithallas mill-kuntratturi li kienu qed jahdmu fil-progett. Sandro Grima xehed illi Adrian Buttigieg qatt ma qallu biex jaghmel xi haga kontra l-ligi u jhaddem nies bla hsieb.

PS 239 Caruana kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 28 tal-process verbal.

Dr Saviour Borg, a fol 29, xehed illi huwa kien it-tabib li acceda fuq il-post hekk kif gara l-incident. Hu kien acceda fuq post ta’ kostruzzjoni. Dr Saviour Borg ma setax jiftakar il-vittma x’kien liebes u x’ghodda kien hemm madwaru, pero’ kkonferma li kien mitluf minn sensih u kellu d-demm hiereg minn widnejh, griehi kompatibbli ma’ fratturi fil-‘cranium’.

Emanuel Grima, a fol 54, xehed illi huwa kien qed jahdem fuq l-estenzjoni ta’ La Salita Hotel, meta gie ragel ta’ nazzjonalita’ Gharbija, u talbu ghax-xoghol bil-kliem **‘hidma, hidma’**, u rrispondih li huwa dakinhar ma kellux xoghol x’itih, u l-Gharbi baqa’ diehel ‘l gewwa. Ftit wara, ha l-informazzjoni illi l-Gharbi kien wegga’. Emanuel Grima kkonferma x-xhieda li huwa ta fl-inkjesta.

Lawrence Cachia, a fol 58, ikkonferma r-rapport tieghu a fol 89 tal-process verbal.

Mix-xhieda ta’ Jamal Badawi, a fol 60, jirrizulta illi huwa u El Komsi kienu ilhom jahdmu fl-estenzjoni tal-lukanda La Salita Hotel, il-Mellieha, ghal xahrejn tlett xhur minn qabel id-data tal-incident, kienu jitqabbdu xoghol ta’ tindif u zbarazzar. Xehed illi kien tqabbad jahdem minn Jeffrey u Sandro u ndika lill-imputat Jeffrey, u kkonferma wkoll illi Jeffrey ukoll kien hallsu. Mistoqsi jekk qatt tqabbad jahdem minn xi kuntrattur iehor, Jamal xehed illi l-aktar li kien itih xoghol kien Jeffrey. Muri ‘envelopes’ a fol 86 u 87, Jamal Badawi kkonferma illi huma kienu jircievu l-paga f’dawn it-tip ta’ ‘envelopes’. Wara l-incident, Jamal Badawi jghid illi gie mkecci minn fuq il-post tax-xoghol.

Lawrence Bugeja, Project Manager Coordinator, xehed illi huwa ma kienx jaf lil El Komsi u li qatt ma rah jahdem fuq il-post. Ghar-rigward tat-thaddim ta’ nies ta’ nazzjonalita’ barranija (ara xhieda a fol 83), Lawrence Bugeja xehed li ma kienx kompitu tieghu li jqabbad jew ihaddem lin-nies. A fol 85, Bugeja kkonferma illi huwa gie ‘sub-contracted’ minn La Salita Hotel biex jaghmlulhom ix-xoghol, u cioe’ biex jiehdu hsieb dan il-progett tal-estenzjoni. Bugeja kkonferma illi allura La Salita Hotel ma kellha

assolutament xejn x'taqsam mal-kuntratturi u mal-haddiema li ntghazlu minnhom u gew imhallsin minnhom.

A fol 90, Alexander Fenech, Principal fl-Expatriates Department, ikkonferma illi huwa ghamel ricerki dwar Mahmud El Komsi u kkonferma li dan qatt ma kellu applikazzjoni ghal 'work permit'. Ikkonferma wkoll illi El Komsi ma kellux 'freedom of movement' ghaliex ma kienx mizzewweg Maltija

A fol 99, l-Ispettur Mercieca esebixxa l-Memorandum and Articles of Association ta' La Salita Leisure Holdings Ltd u kif ukoll BGA Ltd. In kontro ezami, l-Ispettur Mercieca, a fol 101, ikkonferma illi Jamal Badawi ma kienx gie nterrogat waqt din l-investigazzjoni, u kienet biss wara li l-Pulizjia kellmu lil Carol Bilke, li kien issemma', ghaldaqstant, kien eventwalment gie mitkellem mill-Pulizija fit-30 t'Ottubru 2002.

Jamal Badawi xehed illi huwa ma kienx mar jaghmel rapport fuq dak kollu li kien jaf dwar il-mewt ta' El Komsi, u kien mar ikellem lill-Pulizija biss meta qaltlu Carol Bilke. Mistoqsi jekk kemm-il darba l-imputat kienx jghix mieghu jew ma' Carol Bilke, Badawi kkonferma li El Komsi kien jghix mieghu. Jamal Badawi, a fol 105, jinnega illi dakinhar huwa u El Komsi kienu marru fl-estenzjoni tal-'hotel' La Salita biex ifittxu x-xoghol. Mitlub jghid min qabbadhom ix-xoghol, Badawi jindika lil James Busuttil prezenti fl-awla. Badawi xehed, in kontro ezami, illi fl-ewwel xhieda tieghu huwa ma qalx il-verita' u dan ghax kien tal-opinjoni illi l-ohrajn ma kinux qed jghidu l-verita' (ara xhieda a fol 107). A fol 112, Badawi xehed illi l-imghallem tieghu kien Sandro pero' kien imexxi Jeffrey.

Mix-xhieda tad-Difiza, jirrizulta illi Anna Buttigieg (ara fol 115 et seq), ghandha tlett itfal, cioe' Albert, Gilbert u Brendan. Xehdet illi l-'hotel' kienet ilha ghandhom xi hmistax-il sena u li r-ragel taghha kien miet bil-'cancer' meta t-tfal taghha kienu ghadhom zghar. Anna Buttigieg xehdet illi hija ma ghandha x'taqsam xejn mat-tmexxija tal-lukanda, u qatt filfatt ma kellha x'taqsam. Anna Buttigieg xehdet illi hija qatt ma tat permess lil xi hadd

biex jikser il-ligi jew biex ihaddem lin-nies minghajr permess u qatt ma kellha suspetti li dawn l-affarijiet kienu qed isiru fil-‘hotel’.

Gilbert Buttigieg, a fol 119, Haddiem fil-Pizzeria, xehed illi m’ghandux x’jaqsam fit-tmexxija tal-‘hotel’ izda jiffirma biss il-pagi flimkien ma’ huh Adrian. In kontro ezami, Gilbert Buttigieg xehed illi l-Managers tal-‘hotel’ huma responsabbli biex jimpjegaw lin-nies. Gilbert Buttigieg ikkonferma illi Jeffrey Briffa jahdem fil-‘maintenance’ u mhux responsabbli minn xi nies, u l-persuna li hija nkarigata li thaddem in-nies hija Jeffrey. L-imputat Gilbert Buttigieg xehed illi huwa qatt ma kien ikun fl-estenzjoni tal-‘hotel’ waqt li kienet qed tinbena, u qatt ma ndahal f’xejn ma’ min qed ihaddem.

L-imputat Adrian Buttigieg, ikkonferma li huwa Manager ta’ La Salita Leisure Holdings, u xehed illi l-estenzjoni tal-‘hotel’ kienet progett kbir ghalihom li kienet tinvolvi spiza ta’ xi hames miljun Lira Maltin (Lm5,000,000) u ghaldaqstant, kien hemm periti, Project Managers, Designers, u hafna ‘sub-contractors’ fuq dan il-progett ta’ bini. Adrian Buttigieg xehed illi huwa filfatt impjega lill-kumpaniji kollha bhala kuntratturi biex jeffetwaw ix-xogholijiet, bhal per ezempju, qabbad lill-kumpanija Herba, MMD tal-Air Conditioning, Titent kienu parti mill-Mizzi Group, Megaline li ghamlu l-elettriku u l-madum li gie supplit minn Satariano. Kien progett difficli hafna ghaliex kien jinvolvi hafna haddiema, bejn hamsin (50) u sebghin (70) haddiem kuljum, waqt li huwa kellu x-xoghol li qieghed jopera ‘hotel’.

Adrian Buttigieg xehed illi huwa kien qabbad lil Sandro Grima bhala Project Manager ghall-estenzjoni tal-‘hotel’. Huwa xehed illi kull kuntrattur kien inaddaf il-parti tieghu, u ghaldaqstant ma kienx hemm bzonn li jqabbdu huma nies biex inaddfu. Adrian Buttigieg xehed illi huwa qatt ma’ ta struzzjonijiet lil Sandro Grima biex ihaddem nies kontra l-ligi, u meta kien hemm bzonn isir xi tip ta’ xoghol bhal xi ‘overtime’ imsemmi fix-xhieda a fol 140, Adrian Buttigieg iddikjara li kien jaghti struzzjonijiet lil Sandro Grima sabiex iqabbad lin-nies. Adrian Buttigieg ikkonferma li huwa qatt

ma’ ta struzzjonijiet lil Sandro biex ihaddem xi nies barranin bla permess.

Brendan Buttigieg xehed illi f’Mejju 2002 ma kellu x’jaqsam xejn mal-kostruzzjoni tal-lukanda l-gdida.

Jeffrey Briffa xehed illi huwa mpjegat mal-kumpanija La Salita Leisure Holdings fis-sezzjoni tal-‘maintenance’ fil-‘hotel’ l-originali La Salita, u xehed illi huwa kien l-ewwel jesegwixxi x-xoghol ta’ kuljum fil-‘hotel’ li kienet ghada ‘operational’, u mbaghad wara li jispicca dan ix-xoghol, huwa kien imur jaghti daqqa t’id lil Sandro Grima. Jeffrey Briffa nnega li huwa qatt haddem lil xi hadd u xehed illi huwa lavrant. Jeffrey Briffa kkonferma li darba ghadda xi ‘envelope’ lir-‘reception’ ghal Sandro Grima, u xehed illi huwa qatt ma’ ra lil Jamal Badawi fuq il-post, u kkonferma li Sandro Grima kien l-imghallem tieghu. Briffa kkonferma li dakinhar tal-incident, lil El Komsi fl-ebda hin ma rah.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda fuq indikata, huwa abbastanza car illi l-imputati Anna Buttigieg, Gilbert u Brendan Buttigieg ma ghandhom x’jaqsmu xejn mat-tregija tal-kumpanija La Salita Hotel. Illi ghaldaqstant, ebda tip ta’ responsabbilita’ fil-kamp kriminali ma tista’ tigi allokata lilhom.

Mill-kumpless tax-xhieda, jirrizulta bla dubju dettat mir-raguni, illi l-‘part timers’ ghall-bini ta’ La Salita Hotel kienu jitqabbdu jew direttament mill-kuntratturi li gew imqabbda b’kuntratti appoziti (ara kuntratti esebiti fil-process), jew minn ‘Sandro’ jew ‘Jeffrey’.

Illi mix-xhieda principali f’dan il-kaz, cioe’ Jamal Badawi u Carol Bilke, il-provi dwar min filfatt kien ihaddem il-‘part timers’ u jekk kemm-il darba kienx hemm ‘part timers’ li qed jithaddmu minghajr il-permessi skond il-ligi, huma naqra iktar imcajpra. Ix-xhieda ta’ Jamal Badawi, in vista tal-ahhar kontro ezami tieghu (ara fol 105 et seq), mhix ta’ min wiehed joqghod fuqha ghaliex ammetta huwa stess illi gideb waqt illi kien qed jaghti l-ewwel xhieda tieghu.

Illi di piu', Badawi ma xhedtx u ma giex imressaq bhala xhud fl-inkjesta illi hadet certu zmien ghal maturazzjoni, u dan ghaliex il-Pulizija ma kinux infurmati bl-ezistenza tieghu, u kienet biss wara li Carol Bilke akkumpanjat lil Badawi l-ghassa, illi l-ezistenza tieghu giet a konjizzjoni tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti wkoll hija mhassba fuq il-kredibilita' ta' Carol Bilke u l-inkonsistenzi sinjifikanti bejn ix-xhieda taghha u ta' Badawi, per ezempju, Carol Bilke fix-xhieda taghha tghid illi El Komsi kien ilu jahdem La Salita ghal tlett xhur u nofs, u li kien jghix maghha, waqt illi Badawi jghid illi kienu ilhom jahdmu xahar u nofs u li El Komsi kien qed jghix mieghu.

Infatti, il-Qorti hi tal-fehma illi x-xhieda ta' Sandro Grima hija dik li hija krucjali ghal dan il-kaz. Infatti, a fol 50 tal-process verbal, Sandro Grima jammetti illi El Komsi kien impjegat mill-kumpanija bhala 'part timer', u li l-ahhar li kien hadem ma' La Salita Company Ltd kien fis-27 t'April 2002.

Id-Difiza, fit-trattazzjoni, issostni illi l-Managing Director Adrian Buttigieg kien mitfugh l-iktar fid-'day to day operations' tal-'hotel' La Salita (u mhux fil-progett tal-estenzjoni tal-'hotel' li kienet qed issir faccata tal-'hotel' originali), u li Sandro Grima kien il-Project Manager ta' din l-estenzjoni u allura kien hu illi kien ihaddem il-'part timers'. Id-Difiza sahqet ukoll illi Adrian Buttigieg qatt ma' ta struzzjonijiet lil Sandro Grima biex jimpjega nies bi ksur tal-ligi, u li l-Prosekuzzjoni kellha a dispozizzjoni taghha, mill-bidu tal-proceduri nett, l-assunzjoni tar-responsabbilita' da parti ta' Sandro Grima, li pero' baqa' ma nhargitx akkuza kontra tieghu.

Ghar-rigward ta' Jeffrey Briffa, mix-xhieda prodotta, id-Difiza sostniet illi jidher b'mod car illi Jeffrey Briffa kien qieghed jagixxi ghad-direttivi li kien qed jaghtih Sandro Grima, u li fil-'hotel' huwa kien impjegat bhala lavrant. Illi ghaldaqstant, bl-ebda mod ma tista' tigi attribwita xi tip ta' htija fuqu.

Id-Difiza fit-trattazzjoni taghha (ara fol 165), tissottometti wkoll illi anke mix-xhieda ta’ Carol Bilke, din ukoll tezonora lil Adrian Buttigieg minn kull responsabbilita’ ghax hija tghid illi El Komsi kien icempel lil certu Jeffrey u Sandro sabiex jakkwista x-xoghol.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti taqbel perfettament mad-Difiza rigward is-sottomissjonijiet fil-konfront tal-imputat Jeffrey Briffa. Huwa evidentissimu illi Jeffrey Briffa, li kien impjegat huwa nnifsu bhala lavrant, certament la kellu l-mansjoni li jimpjega n-nies, wisq anqas li jhallashom, ghajr li teknikament seta’ kien il-persuna illi ta dawn l-istruzzjonijiet.

Il-Qorti taqbel perfettament ukoll ma’ dak li gie sottomess mid-Difiza ghar-rigward ta’ Sandro Grima. Il-provi huma cari f’dan ir-rigward u jidher illi Sandro Grima kien il-persuna illi kien impjegat bhala Project Manager, u ghaldaqstant, kien il-persuna illi kien qieghed effettivament jaghzel in-nies ghall-impjieg.

Din il-Qorti pero’ ma tistax tiskarta l-fatt kardinali illi l-‘pay cheques’ kienu qed jithallsu minn La Salita Hotel Company Ltd, li taghha huwa l-Managing Director Adrian Buttigieg. Huwa dan il-persuna illi kellu t-tregija ta’ din il-kumpanija u l-awtorita’ biex jeffetwa d-decizjonijiet ta’ certu portata u jawtorizza l-hlas tal-impjegati.

Illi l-Artiklu 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

*(1) ‘Any person who –*
*(a) omissis*
*(b) takes in his employment, or gives work to, any person who is not an exempt person and is not in possession of a licence granted to him for the purpose of such employment or work under the provisions of this Act, or otherwise aids or assists any person who is not an*

*exempt person in the commission of an offence contemplated in Article 23.'*

Illi minn dan l-Artiklu huwa evidenti illi Adrian Buttigieg bhala Managing Director huwa l-figura illi l-ligi tidentifika bhala l-persuna li ghandha l-'corporate responsibility' ghall-impjieg ta' haddiema 'full timers' jew 'part timers', u f'dan ir-rigward, il-Managing Director, u cioe' l-imputat huwa responsabbli ghad-decizjonijiet mehuda anke mill-impjegati tieghu f'dan il-qasam.

Il-Qorti ghaldaqstant, issib lill-imputati Anna Buttigieg, Gilbert Buttigieg, Brandon Buttigieg u Jeffrey Briffa mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom, waqt illi ssib lill-imputat Adrian Buttigieg hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artiklu 32(1)(b) tal-Kap 217, tikkundannah ghal hames mitt Lira Maltin (Lm500) multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------